

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tielet Awla) tad-9 ta' Novembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari tal-Curtea de Apel Cluj – ir-Rumanija) – Teodor Ispas, Anduța Ispas vs Direcția Generală a Finanțelor Publice Cluj

(Kawża C-298/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Prinċipji ġenerali tad-dritt tal-Unjoni — Dritt għal amministrazzjoni tajba u drittijiet tad-difiża — Leġiżlazzjoni nazzjonali fiskali li tipprevedi d-dritt għal smiġh u d-dritt għal informazzjoni matul proċedura amministrattiva fiskali — Deċiżjoni ta' impożizzjoni tat-taxxa fuq il-valur miżjud maħruġa mill-awtoritajiet tat-taxxa nazzjonali mingħajr l-għoti lill-persuna taxxabbli tal-aċċess għall-informazzjoni u għad-dokumenti li jservu ta' bażi għall-imsemmija deċiżjoni)

(2018/C 005/12)

Lingwa tal-kawża: ir-Rumen

Qorti tar-rinviju

Curtea de Apel Cluj

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Teodor Ispas, Anduța Ispas

Konvenut: Direcția Generală a Finanțelor Publice Cluj

Dispożittiv

Il-prinċipju ġenerali tad-dritt tal-Unjoni tar-rispett tad-drittijiet tad-difiża għandu jiġi interpretat fis-sens li, fi proċeduri amministrattivi intiżi għall-verifika u għall-istabbiliment tal-baży tat-taxxa fuq il-valur miżjud, individwu għandu jkollu l-possibbiltà li jingħata, fuq talba tiegħu, l-informazzjoni u d-dokumenti li jinsabu fil-fajl amministrattiv u kkunsidrati mill-awtorità pubblika għall-adozzjoni tad-deċiżjoni tagħha, sakemm għanjiet ta' interess ġenerali jiġġustifikaw ir-restrizzjoni tal-aċċess għall-imsemmija informazzjoni u għall-imsemmija dokumenti.

⁽¹⁾ ĠU C 314, 29.8.2016

Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tieni Awla) tad-9 ta' Novembru 2017 (talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mit-Tribunal da Relação do Porto – il-Portugall) – António Fernando Maio Marques da Rosa vs Varzim Sol – Turismo, Jogo e Animação, SA

(Kawża C-306/16) ⁽¹⁾

(Rinviju għal deċiżjoni preliminari — Protezzjoni tas-sigurtà u tas-saħħa tal-ħaddiema — Direttiva 2003/88/KE — Artikolu 5 — Perijodu ta' mistrieħ fil-ġimgħa — Leġiżlazzjoni nazzjonali li tipprevedi tal-inqas jum ta' mistrieħ għal kull perijodu ta' sebat ijiem — Perijodu ta' iktar minn sitt ijiem ta' xogħol konsekuttivi)

(2018/C 005/13)

Lingwa tal-kawża: il-Portugiż

Qorti tar-rinviju

Tribunal da Relação do Porto

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrent: António Fernando Maio Marques da Rosa

Konvenuta: Varzim Sol – Turismo, Jogo e Animação, SA